*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,694, 22 ta' Diċembru, 1992*
*Taqsima C*

# Nru. 43

22. 12. 92

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli John Dalli, M.P., Ministru tal-Finanzi, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-16 ta' Diċembru, 1992.

**ATT biex jemenda l-Att dwar Imposta fuq Kontijiet għall-Portatur, Kap. 219.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable John Dalli, M.P., Minister of Finance, and read the First time at the Sitting of the 16th December, 1992.

**AN ACT to amend the Bearer Accounts Levy Act, Cap. 219.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

### msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att dwar Imposta fuq Kontijiet għall-Portatur, Kap. 219.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1992 li jemenda l-Att dwar Imposta fuq Kontijiet għall-Portatur, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar Imposta fuq Kontijiet għall-Portatur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap 219.

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1993 u li japplika għal imgħax li jakkreixxi fi u wara din id-data.

**2.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "L-imposta li għandha titħallas fis-sena skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tkun żewġ terzi ta' l-imgħax dovut" għandhom jidħlu l-kliem "L-imposta li għandha titħallas fis-sena skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tkun ta' erbgħin fil-mija ta' l-imgħax dovut".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

---

### Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' l-Abbozz hu li jiffissa r-rata ta' l-imposta fuq kontijiet għall-portatur għal erbgħin fil-mija ta' l-imgħax li jakkreixxi fuqhom, mill-1 ta' Jannar, 1993 kif imħabbar fl-Estimi għall-1993.

## A BILL
## entitled

*AN ACT to amend the Bearer Accounts Levy Act, Cap. 219.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title. and commencement.
Cap. 219.

**1.** (1) This Act may be cited as the Bearer Accounts Levy (Amendment) Act, 1992, and shall be read and construed as one with the Bearer Accounts Levy Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall be deemed to have come into force on the 1st January, 1993 and to apply to interest accruing on or after this date.

Amendment of section 3 of the principal Act.

**2.** In subsection (2) of section 3 of the principal Act, for the words "The levy chargeable per annum under subsection (1) of this section shall be two thirds of the interest due" there shall be substituted the words "The levy chargeable per annum under subsection (1) of this section shall be forty per cent of the interest due".

---

## Objects and Reasons

The Object of the Bill is to fix the rate of levy on bearer accounts at forty per cent of the interest accruing thereon from 1st January, 1993 as announced in the Budget for 1993.